Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' Mejju 2016**
**(OR. en)**

**8822/16**

**DEVGEN 86**
**ACP 65**
**RELEX 374**
**FIN 294**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 12 ta' Mejju 2016 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 8530/16 |
| Suġġett: | Rapport Annwali tal-2016 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Mejju 2016) |

1. Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp, kif adottati mill-Kunsill fit-3462 laqgħa li saret fit-12 ta' Mejju 2016.

ANNESS

## Konklużjonijiet tal-Kunsill

## Rapport Annwali tal-2016 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

1. Il-Kunsill jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-informazzjoni preliminari dwar l-Għajnuna Uffiċjali tal-UE għall-Iżvilupp[1] (ODA) tal-2015, li tanalizza t-tendenzi fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA[2]. Il-Kunsill itenni li l-ODA hija element importanti u katalitiku fil-finanzjament ġenerali disponibbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Minkejja li l-ODA hija kwantità żgħira għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kollha kemm huma, hija tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra.

2. Fis-17 ta' Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u l-għoti tagħhom tal-ODA. Dan huwa s-sitt rapport ta' dan it-tip ippreżentat lill-Kunsill Ewropew.

[1] http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-1362_en.htm u http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-16-1363_en.htm

[2] Konklużjonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 (10255/1/05), Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2008 (15480/08) u Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (9241/15). Ara l-Anness għall-impenji.

3. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:

a. Fl-2015, u għat-tielet sena konsekuttiva, l-ODA kollettiva tal-UE żdiedet tant li laħqet it-EUR 68.226 biljun, l-ogħla livell li qatt telgħet sal-lum il-ġurnata u żieda minn EUR 59.313 biljun fl-2014: żieda ta' 15% f'termini nominali. L-ODA kollettiva tal-UE laħqet iż-0.47% tad-dħul nazzjonali gross tal-UE (DNG)[3] fl-2015, żieda notevoli meta mqabbla ma' 0.43% fl-2014. L-ODA totali tal-Istati Membri tal-UE waħedhom żdiedet minn EUR 57.174 biljun (0.41% tad-DNG) fl-2014 għal EUR 66.716 biljun (0.46% tad-DNG) fl-2015.

b. L-UE u l-Istati Membri tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar donatur globali kollettiv tal-ODA (ara l-Figura 1), li għal darb'oħra tirrappreżenta ħafna aktar min-nofs it-total tal-ODA għal pajjiżi li qed jiżviluppaw minn Membri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD. B'kuntrast mat-tkabbir notevoli fl-UE tal-proporzjon ODA/DNG, il-medja tal-pajjiżi mhux fl-UE tal-OECD DAC naqset minn 0.23% fl-2014 għal 0.21% tad-DNG fl-2015.

c. Iċ-ċifri ta' hawn fuq jirriflettu l-prestazzjoni mtejba tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. 15-il Stat Membru żiedu l-proporzjon tal-ODA tagħhom fuq id-DNG b'aktar minn 0.01% u 4 żammewhom fil-livelli tagħhom tal-2014. 9 Stati Membri esperjenzaw tnaqqis fil-livelli tagħhom ta' ODA/DNG ta' aktar minn 0.01%. Ħames Stati Membri tal-UE laħqu jew qabżu l-limitu massimu tal-ODA/DNG ta' 0.7% (ara l-Figura 2 u t-Tabella 1).

3 L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-parti tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija, għall-għanijiet tar-rapportar dwar l-ODA/DNG, attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-infiq tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) mhix attribwita lill-Istati Membri u hija addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri.

d. Fid-dawl tal-kriżi tar-refuġjati li għaddejja bħalissa, id-data tal-OECD ta' din is-sena turi wkoll il-livell ta' spejjeż li ntefqu fil-pajjiżi donaturi fuq il-ħtiġijiet tar-refuġjati[4] rapportati bħala ODA minn Membri tad-DAC. Id-data tal-OECD tindika tkabbir sinifikanti fir-rapportar ta' dawn l-ispejjeż fost il-pajjiżi tal-UE, minn EUR 3.3 biljun (jew 5.6% tal-ODA kollettiva tal-UE fl-2014) għal EUR 8.6 biljun (jew 12.5% tal-ODA kollettiva tal-UE fl-2015). Madankollu, iż-żieda ġenerali tal-ODA tal-UE (EUR 8.9 biljun) kienet ikbar miż-żieda tal-ispejjeż tar-refuġjati (EUR 5.3 biljun). Dan ifisser li fl-2015 l-UE żiedet kemm l-appoġġ tagħha għar-refuġjati kif ukoll l-għajnuna l-oħra tagħha għall-iżvilupp.

4. Il-Kunsill jinnota b'diżappunt li minkejja tkabbir reali ta' aktar minn terz fl-ODA tal-UE sa mill-2002, il-kriżi ekonomika u l-pressjonijiet baġitarji severi fil-maġġoranza tal-Istati Membri tal-UE fissru li l-UE ma laħqitx il-mira ambizzjuża li tipprovdi b'mod kollettiv 0.7% tad-DNG bħala ODA sal-2015 li stabbilixxiet għaliha nnifisha fl-2005.

5. Madankollu, il-Kunsill jinnota wkoll li proporzjon ta' 0.47% ODA/DGN fl-2015 hija ta' aktar minn darbtejn mill-medja tad-DAC tal-pajjiżi li mhumiex fl-UE ta' 0.21%.

6. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-impenji ODA ġodda meħuda kif imniżżel fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015[5]. Il-Kunsill jirriafferma t-tmexxija politika u l-impenn tiegħu lejn l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE filwaqt li jinnota li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp għadha prijorità ewlenija għall-UE. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha jirriaffermaw l-impenji individwali u kollettivi kollha tagħhom tal-ODA u ser jieħdu azzjonijiet realistiċi u verifikabbli biex jintlaħqu dawn l-impenji.

4 Spejjeż bħal dawn jistgħu biss jiġu rapportati bħala ODA f'konformità mar-regoli tal-OECD-DAC, u r-rapportar huwa limitat għall-ispejjeż imġarrba matul l-ewwel 12-il xahar tas-soġġorn tar-refuġjat.

5 http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9144-2015-INIT/en/pdf

7. Il-Kunsill jisħaq fuq in-natura trasformattiva tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, li hija komponent integrali tal-Aġenda 2030 u li tistabbilixxi l-progress lejn mudell ġdid ta' finanzjament sostenibbli, biex jinkiseb żvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tagħha (ekonomika, soċjali u ambjentali), flimkien ma' impenn mill-ġdid għall-importanza tal-ODA. Fil-qalba ta' dan huma l-governanza tajba, responsabbiltajiet għal kulħadd, id-diversità tal-ħtiġijiet u l-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet speċjali, is-supremazija ta' azzjoni domestika, inkluż dwar it-taxxa u t-trasparenza, l-importanza ta' politiki sodi u abilitanti, impenn għal politika koerenti minn kulħadd, għall-prinċipju li "ħadd ma jitħalla barra" u għall-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prijorità trasversali. Il-Kunsill għalhekk itenni wkoll l-importanza ta' approċċ komprensiv u integrat, permezz ta' sħubija globali msaħħa u mġedda għal żvilupp sostenibbli, għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u mezzi oħrajn ta' implimentazzjoni mis-sorsi kollha disponibbli (pubbliċi/privati, domestiċi/internazzjonali) u l-atturi kollha, notevolment permezz ta' sħubiji bejn diversi partijiet ikkonċernati, għalhekk ser ikunu kruċjali fl-appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż permezz ta' sorsi u strumenti innovattivi ta' finanzjament, għarfien, ħila esperta, tisħiħ ta' kapaċitajiet, teknoloġija u riżorsi mhux finanzjarji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex timplimenta l-approċċ tagħha "Iġbor Iktar, Onfoq Aħjar"[6] biex b'hekk tappoġġa l-isforzi tal-Mobilizzazzjoni tar-Riżorsi Domestiċi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

[6] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, 13186/15 - SWD(2015) 198 final, 15.10.2015 'Iġbor Iktar, Onfoq Aħjar, il-Kisba tal-Iżvilupp b'mod Inklużiv u Sostenibbli'.

8. Il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli jaħdem fin-Nazzjonijiet Uniti, f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) u banek multilaterali u bilaterali għall-iżvilupp, u fi ħdan l-Unjoni Ewropea biex tiġi implimentata l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u biex jiġu żviluppati mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-impatt tagħha u għall-valutazzjoni tar-riżultati. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jieħu nota tal-eżitu tal-Forum tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (ECOSOC) dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp li sar fi New York mit-18 sal-20 ta' April 2016, u jistenna b'interess li jibni fuq, u japprofondixxi dawk id-diskussjonijiet f'Forums futuri. Barra minn hekk, il-Kunsill jistenna b'interess li jkompli d-diskussjonijiet fil-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżviluppi Ekonomiċi (OECD) dwar l-iżvilupp ta' miżura ta' statistika ġdida għall-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD), komplementari għall-ODA, bħala mod importanti li bih jitkejlu aħjar, jiġu rikonoxxuti u jingħata aktar inċentiv għal xi wħud mill-isforzi aktar ġenerali li qed isiru f'appoġġ għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kunsill jinkoraġġixxi diskussjonijiet miftuħin, inklużivi u trasparenti dwar l-iżvilupp tal-miżura l-ġdida.

**Impenji u Miri Preċedenti tal-UE għall-ODA**

**(Konklużjonijiet tal-Kunsill, 24 ta' Mejju 2005 (dok. 9266/05, paragrafu 4.))**

'Iżjed ODA hija meħtieġa b'mod urġenti sabiex jinkisbu l-MDGs (Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju) ... l-UE taqbel ma' mira kollettiva ġdida tal-UE ta' ODA/DNG ta' 0.56% sal-2010, li għandha tirriżulta f'EUR 20 biljun tal-ODA annwali addizzjonali sa dak iż-żmien.

(i) L-Istati Membri, li għadhom ma laħqux livell ta' ODA/DNG ta' 0.51%, jimpenjaw ruħhom li jilħqu, fi ħdan il-proċessi ta' allokazzjoni tal-baġit rispettiv tagħhom, dak il-livell sal-2010, filwaqt li dawk li huma diġà 'l fuq minn dak il-livell jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-isforzi tagħhom;

(ii) L-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2002, u li ma laħqux livell ta' ODA/DNG ta' 0.17%, għandhom jagħmlu ħilithom biex iżidu l-ODA tagħhom biex, fil-proċessi tal-allokazzjoni tal-baġit rispettiv tagħhom, jilħqu dak il-livell sal-2010, waqt li dawk li diġà jinsabu 'l fuq minn dak il-livell jimpenjaw ruħhom li jsostnu l-isforzi tagħhom.

(iii) L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jiksbu l-mira ta' ODA/DNG ta' 0.7% sal-2015 filwaqt li dawk li kisbu dik il-mira jimpenjaw ruħhom li jibqgħu 'l fuq minn dik il-mira; l-Istati Membri li ssieħbu mal-UE wara l-2002 ser jagħmlu ħilithom biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33% sal-2015.'

**Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA**

**(Konklużjonijiet tal-Kunsill, 26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 31-33))**

'L-UE u l-Istati Membri tagħha huma donaturi ġenerużi tal-ODA, peress li pprovdew annwalment aktar min-nofs l-ODA f'dawn l-aħħar snin. Minkejja li l-ODA hija kwantità żgħira għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kollha kemm huma, hija sors ewlieni ta' finanzjament għal-LDCs u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra. L-ODA tista' wkoll tgħin fil-kisba ta' mezzi oħra ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku u l-investiment tas-settur privat, iżda wkoll ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

L-UE, għalhekk tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta’ 0.7% tal-ODA/DNG fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE qabel l-2002 jirriaffermaw l-impenn tagħhom li jilħqu l-mira ta' 0.7% tal-ODA/DNG, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li dawk li laħqu dik il-mira jimpenjaw lilhom infushom li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; l-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-sħiħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33%.

Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonn tagħhom, b'mod speċjali l-LDCs u l-pajjiżi fi stat ta’ fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b’mod sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajnuna għall-iżvilupp l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15% - 0.20% ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20% ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015.’

Figura 1


ODA as a % of GNI
EU compared to non EU G7 Donors.
EU Collective
Non EU DAC Members
USA
Japan
Canada
ODA as a % of GNI
0.60
0.50
0.40
0.30
0.20
0.10
-
-0.10
-0.20
0.37 0.37 0.33 0.33 0.31 0.32 0.33 0.35 0.35 0.35 0.43 0.42 0.39 0.42 0.44 0.46 0.45 0.43 0.43 0.43 0.47
0.28
0.22
0.21
0.17
ODA Net Disbursements (EUR billion)
EU Collective
Non EU DAC Members
USA
Japan
Canada
68.2
52.4
28.0
8.4
3.9
1995 1996 1997 1998 1999 2000 2001 2002 2003 2004 2005 2006 2007 2008 2009 2010 2011 2012 2013 2014 2015

Figura 2



Gap between 2015 ODA levels and agreed individual targets of the 28 EU Member States and direction of change from 2014 to 2015
Direction of change in ODA spending 2014-2015
increase (15)
no change (4)
decrease (9)
ODA as % of GNI
1,40
0,93
0,85
0,76
0,71
0,56
0,52
0,42
0,37
0,36
0,32
0,21
0,16
0,14
0,13
0.7
0,15
0,15
0,15
0,13
0,12
0,11
0,10
0,10
0,10
0,09
0,09
0,09
0,09
0.33
Sweden
Luxembourg
Denmark
Netherlands
UK
Finland
Germany
Belgium
France
Ireland
Austria
Italy
Portugal
Greece
Spain
Malta
Slovenia
Estonia
Hungary
Czech Republic
Lithuania
Cyprus
Slovak Republic
Poland
Croatia
Romania
Bulgaria
Latvia
2015 individual commitment

Tabella 1: ODA tal-UE (Nett) 2012-2015

| **Stat Membru** | **2012** | | **2013** | | **2014** | | **2015** | | **Diskrepanza (1)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **EUR Miljun** | **% ta' DNG** | **EUR Miljun** | **% ta' DNG** | **EUR Miljun** | **% ta' DNG** | **EUR Miljun** | **% ta' DNG** | **% ta' DNG** |
| Awstrija | 860 | 0.28 | 882 | 0.27 | 930 | 0.28 | 1,089 | 0.32 | 0.38 |
| Belġju | 1,801 | 0.47 | 1,732 | 0.45 | 1,845 | 0.46 | 1,708 | 0.42 | 0.28 |
| Bulgarija | 31 | 0.08 | 37 | 0.10 | 37 | 0.09 | 37 | 0.09 | 0.24 |
| Kroazja | 15 | 0.03 | 41 | 0.10-0 | 53 | 0.13 | 46 | 0.09 | 0.24 |
| Ċipru | 20 | 0.12 | 15 | 0.10 | 15 | 0.10 | 15 | 0.10 | 0.23 |
| Repubblika Ċeka | 171 | 0.12 | 159 | 0.11 | 160 | 0.11 | 182 | 0.12 | 0.21 |
| Danimarka | 2,095 | 0.83 | 2,205 | 0.85 | 2,264 | 0.86 | 2,313 | 0.85 | (0.15) |
| Estonja | 18 | 0.11 | 23 | 0.13 | 28 | 0.14 | 30 | 0.15 | 0.18 |
| Finlandja | 1,027 | 0.53 | 1,081 | 0.54 | 1,232 | 0.59 | 1,165 | 0.56 | 0.14 |
| Franza | 9,358 | 0.45 | 8,543 | 0.41 | 8,005 | 0.37 | 8,317 | 0.37 | 0.33 |
| Ġermanja | 10,067 | 0.37 | 10,717 | 0.38 | 12,486 | 0.42 | 16,028 | 0.52 | 0.18 |
| Greċja | 255 | 0.13 | 180 | 0.10 | 186 | 0.11 | 254 | 0.14 | 0.56 |
| Ungerija | 92 | 0.10 | 97 | 0.10 | 109 | 0.11 | 137 | 0.13 | 0.20 |
| Irlanda | 629 | 0.47 | 637 | 0.46 | 615 | 0.38 | 647 | 0.36 | 0.34 |
| Italja | 2,129 | 0.14 | 2,592 | 0.17 | 3,022 | 0.19 | 3,466 | 0.21 | 0.49 |
| Latvja | 16 | 0.08 | 18 | 0.08 | 19 | 0.08 | 21 | 0.09 | 0.24 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Litwanja | 40 | 0.13 | 38 | 0.11 | 34 | 0.10 | 39 | 0.11 | 0.22 |
| Lussemburgu | 310 | 1.00 | 323 | 1.00 | 319 | 1.06 | 326 | 0.93 | (0.23) |
| Malta | 14 | 0.23 | 14 | 0.20 | 15 | 0.20 | 13 | 0.15 | 0.18 |
| In-Netherlands | 4,297 | 0.71 | 4,094 | 0.67 | 4,200 | 0.64 | 5,240 | 0.76 | (0.06) |
| Polonja | 328 | 0.09 | 355 | 0.10 | 341 | 0.09 | 399 | 0.10 | 0.23 |
| Portugall | 452 | 0.28 | 368 | 0.23 | 324 | 0.19 | 276 | 0.16 | 0.54 |
| Rumanija | 111 | 0.08 | 101 | 0.07 | 162 | 0.11 | 138 | 0.09 | 0.24 |
| Repubblika Slovakka | 62 | 0.09 | 65 | 0.09 | 63 | 0.09 | 77 | 0.10 | 0.23 |
| Slovenja | 45 | 0.13 | 46 | 0.13 | 46 | 0.12 | 56 | 0.15 | 0.18 |
| Spanja | 1,585 | 0.16 | 1,789 | 0.17 | 1,415 | 0.13 | 1,446 | 0.13 | 0.57 |
| Żvezja | 4,077 | 0.97 | 4,389 | 1.01 | 4,698 | 1.09 | 6,393 | 1.40 | (0.70) |
| Renju Unit | 10,808 | 0.56 | 13,498 | 0.71 | 14,551 | 0.70 | 16,858 | 0.71 | (0.01) |
| **Total tal-UE15** | **49,749** | **0.42** | **53,003** | **0.44** | **56,091** | **0.44** | **65,525** | **0.49** | |
| **Total tal-UE13** | **964** | **0.10** | **1,000** | **0.10** | **1,083** | **0.10** | **1,191** | **0.10** | |
| **Total tal-UE28** | **50,713** | **0.39** | **54,004** | **0.41** | **57,174** | **0.41** | **66,716** | **0.46** | |
| **L-ODA tal-istituzzjonijiet tal-UE mhix attribwita lill-Istati Membri tal-UE** | 4,544 | 0.04 | 2,873 | 0.02 | 2,139 | 0.02 | 1,510 | 0.01 | |
| **ODA Kollettiva tal-UE** | **55,257** | **0.43** | **56,877** | **0.43** | **59,313** | **0.43** | **68,226** | **0.47** | 0.23 |

*Nota:* (1) Diskrepanza, bħala % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG), għall-miri individwali tal-ODA tal-UE tal-Istati Membri, u għal 0.7% tad-DNG għall-ODA kollettiva tal-UE. Iċ-ċifri fil-parentesi juru b'kemm, bħala % tad-DNG, l-Istat Membru jkun qabeż il-mira tiegħu tal-UE. L-ODA tal-Istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita hija kkalkulata abbażi tas-sottomissjonijiet mill-Istati Membri lill-OECD-DAC. L-inkonsistenzi li jidhru fit-tabella huma minħabba l-approssimazzjoni għal żewġ punti deċimali.

**L-ODA kollettiva tal-UE** hija s-somma tal-ODA rrappurtata mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri. Id-data sal-2014 tinkludi self tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investiment li mhumiex attribwiti lill-Istati Membri tal-UE u huma addizzjonali għat-Total tal-UE28, ibbażat fuq il-kalkoli mill-Kummissjoni tal-UE (ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna). Il-valur tal-ODA tal-Istituzzjonijiet tal-UE mhux attribwit tal-2015 hu bbażat fuq is-sottomissjonijiet mill-Istati Membri lill-OECD-DAC biex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rapportar mill-Istati Membri u sabiex jiġi evitat l-kalkolu doppju.

**Sorsi**:

• Għaċ-ċifri tal-1995 – 2015

 o għall-membri tal-OECD: OECD/ DAC.

 o għall-Istati Membri tal-UE mhux membri tal-OECD: OECD/ DAC fejn disponibbli, inkella d-data tal-Istati Membri stess. L-ODA għal Ċipru hija stmata bl-istess volum u proporzjon tad-DNG tal-2013 minħabba li ċ-ċifri aġġornati għadhom mhumiex disponibbli.